# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 13 ta' Frar tas-sena 2001.**

**Numru 17**

**Avviz numru 1598/00/SM**

**Borg Cardona & Co Ltd**

**vs**

**Tarcisio Camilleri**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' LM838.36 (tmien mija u tmienja u tletin lira maltin u sitta u tletin centezmu) rapprezentanti ammont bilancjali liha dovut ghall-merkanzija konsistenti f'oggetti konnessi mal-agrikoltura lilu mibjugha u kkonsenjata;**

**Bl-ispejjez tal-presenti, tal-ittra ufficjali tad-29 ta' Settembru, 2000, u bl-imghax legali mill-20 ta' Settembru, 1999 data tal-konsenja sal-effettiv pagament kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' riduzzjoni data 17 ta' Jannar tas-sena 2001 li permezz taghha s-socjeta' attrici rriduciet is-sorte ghall-seba' mija, tmienja u tmenin lira Maltin u sitta u tletin centezmu (LM788.36);**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fis-17 ta' Jannar tas-sena 2001 meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba kif ridotta tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**